MALTA TOURISM AUTHORITY

# media release

**Date: 4th November 2017**

**Ref: 75-2017**

## Lost & Found: thousands of young people are set to return to Malta in May

Set to return to Malta for its fourth edition, Annie Mac Presents (AMP) Lost & Found has announced its 2018 line-up which will take place during the first UK bank holiday weekend in May.

Annie MacManus, known as Annie Mac, is an Irish DJ and television presenter. She is known as the host of the electronic dance music show 'Annie Mac on BBC Radio 1' in the United Kingdom.

Kicking things off as the first festival of the summer season, Lost & Found will offer four days and four nights of unique parties held across pools, boats and an incredible outdoor nighttime festival site, with confirmed headliners including Jamie XX, Diplo Four Tet, J Hus and event curator Annie Mac. The varied event will also bring together an eclectic mix of AMP's close friends and family as well as a slew of exciting breakthrough artists, spanning across a wealth of genres from house and techno through to grime and bass.

Reconfirming their presence in Malta, the event organizers praised Malta's growing reputation as a clubbing destination, the picturesque setting of the island that has grown to become the ideal party destination for music fans seeking the sun, Malta's sea and affordability. This year's edition will also see the weekender take place at the later date of early May, with evening events taking place at a closeby festival site.

This year's line-up will be topped by British DJ-producer Jamie XX, Diplo, Four Tet and Mercury Prize nominee J Hus - the latter making his first ever appearance in Malta. An extraordinary selection of DJ talent sees the likes of Kölsch, The Black Madonna, Denis Sulta, Mall Grab, Heidi and Bicep confirmed, with Londoners Novelist, Donae'o and Not3s representing the festival's rap offering. Legendary garage trio The Dreem Teem and The Streets front man Mike Skinner make their Lost & Found debuts, as well as Annie's fellow Radio 1 selector Clara Amfo and R&B newcomer Mabel.

Speaking of this year’s festival, Annie Mac said ‘I’m excited for sunnier days and warmer nights, all the better for raving longer to the finest electronic music this world has to offer. The line-up this year is huge so pick your sets to see and enjoy every second of this four-day adventure.’

MTA’s CEO Mr Paul Bugeja also commented on the festival being confirmed once again in Malta and said that it is part of a continuous effort that the Malta Tourism Authority makes in order to promote our three Islands’ rich potential as a destination for all, especially for the younger generations.

The Minsiter responsible for Tourism Konrad Mizzi said that such a festival continues to prove that the Maltese islands are a place where thousands of years of history meet today’s modern reality, and this is a perfect representation of Brand Malta. He added that the festival and its presence in Malta continue to refresh Malta’s image in the UK market and it establishes a trendy brand image that attracts higher spending visitors for short holidays in off peak months.

**-ends-**

## Lost & Found: eluf ta’ żgħażagħ mistennija jaslu Malta f’Mejju

Għar-raba’ darba, il-festival Annie Mac Presents (AMP) Lost & Found se jirritorna f’pajjiżna. Aktar kmieni din il-ġimgħa tħabbret il-lista ta’ parteċipanti li se jiġu hawn Malta waqt il-festival, li se jsir fl-ewwel ‘bank holiday weekend’ għar-Renju Unit f’Mejju.

Annie Mac Manus, magħrufa bħala Annie Mac, hija DJ Irlandiża u preżenatatriċi ta’ programm ta’ mużika elettronika ‘Annie Mac on BBC Radio 1’ fir-Renju Unit.

Il-festival qed ikun irriklamat mill-organizzaturi bħala l-ewwel wieħed fl-istaġun sajfi u se joffri erbat’ijiem u erbat’iljieli ta’ divertiment ħdejn pixxini, dgħajjes u postijiet fl-apert. Parteċipanti kkonfermati huma Jamie XX, Diplo Four Tet, J Hus u sintendi Annie Mac infisha. Minbarra dawn l-ismijiet kbar fix-xena, se jkun hemm numru ta’ ħbieb ta’ Mac mill-isferi tal-mużika elettronika, house u techno, li se jinġabru lkoll hawn Malta.

Hekk kif ikkonfermaw il-preżenza tagħhom f’Malta, l-organiżżaturi faħħru r-reputazzjoni dejjem tikber ta’ Malta bħala destinazzjoni ideali għall-clubbling, fi sfond pittoresk li huwa perfett ġħal min irid post xemxi filwaqt li jgawdi l-baħar. Din is-sena l-edizzjoni se ssir aktar tard mis-soltu, għax filwaqt li ssoltu ssir f’April, din is-sena se ssir f’Mejju.

Din is-sena l-‘line-up’ jinkludi d-DJ producer Ingliż Jamie XX, Diplo, Four Tet u J Hus, b’dan tal-aħħar jeżebixxi għall-ewwel darba hawn Malta. Inklużi wkoll hemm Kölsch, The Black Madonna, Denis Sulta, Mall Grab, Heidi u Bicep, filwat li Londoners Novelist, Donae'o u Not3s se jirrappreżentaw id-dinja tar-rap. It-trio The Dreem Teem se jkunu preżenti wkoll flimkien ma’Mike Skinner, il-front man ta’ The Streets, li se jkun qed jiddebutta għal Lost & Found. Flimkien ma’ Annie Mac se jkun hawn Clara Amfo minn Radio 1 u Mabel, isem ġdid għall-R&B.

F'kummenti dwar il-festival, Annie Mac qalet li tinsab eċitata għall-fatt li se tesperjenza jiem u ljieli f'temperaturiu atmosferi mill-isbaħ, flimkien mal-aqwa mużika elettornika li hawn dispsonibbli fix-xena mużikali. Qalet li l-għażla ta' mużiċisti din is-sena tannt hija tajba li wieħed għandu jfittex jiġi lejn Malta biex igawdi kull sekonda minn din l-avventura.

Is-sur Paul Bugeja, CEO tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, qal li l-festival huwa ċertifikat tal-isforz kontinwu tal-Awtorita', biex il-potenzjal kollu tat-tliet gżejjer Maltin ikun użat bl-aħjar mod. Hija turija ċara, żied jgħid, li Malta għandha potenzjal qawii bħala destinazzjoni turistika għal kulħadd, speċjalment għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Il-Ministru responsabbli mit-Turiżmu, Konrad Mizzi, esprima sodisfazzjon għall-fatt li Malta kienet magħżula mill-ġdid bħala destinazzjoni għal Lost & Found, u qal li dan ikompli jivverifika l-fatt li Malta huwa post fejn eluf ta' snin ta' storja jiltaqgħu mar-realta' tad-dinja moderna, u dan jirrappreżenta b'mod perfett dak li huwa Brand Malta. Żied jgħid li l-festival u l-preżenza tiegħu hawn Malta jkomplu jsaħħu r-rappreżentazzjoni ta' Malta fis-suq Ingliż u jistabilixxu 'brand image' frisk u modern li jattira turisti li jonfqu aktar u li jiġu Malta għal btajjel qosra fl-istaġuni xitwin.


M
A
P
ANNIE MAC PRESENTS
LOST & FOUND
MALTA
3-6 MAY BANK HOLIDAY 2018
IN APLHABETICAL ORDER
ANNIE MAC · DIPLO · JAMIE XX
FOUR TET · J HUS
BICEP (DJ) · THE BLACK MADONNA · HOT SINCE 82
JACKMASTER · KÖLSCH · THE MARTINEZ BROTHERS
PATRICK TOPPING · TIGA
ARTWORK · CAMELPHAT · DENIS SULTA · DJ Q · DONAE'O
DUB PHIZIX & STRATEGY · HEIDI · MABEL · MALL GRAB · MELÉ
MELLA DEE · MIDLAND · MIKE SKINNER · MIST · MONKI · MOXIE
MY NU LENG · NOT3S · NOVELIST · ONEMAN · PAUL WOOLFORD
PEGGY GOU · SHY FX · THE DREEM TEEM · TODDLA T
A.G · MS BANKS · CLARA AMFO · DJ TARGET · HAAI · THE HEATWAVE
JAMIE DUGGAN · JOSEY REBELLE · KYLA · LAUREN LO SUNG
LOTTO BOYZZ · MR VIRGO · OR:LA · SHANTI CELESTE · SHOLA AMA
RAMPAGE · ROSKA · TS7 · WILLIAM DJOKO
LOSTANDFOUNDFESTIVAL.COM